MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 467/2011

**Bank of Valletta plc. (C 2833)**
**Vs**
**Fithome Interiors Ltd. (C 9410)**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentat tal-Bank of Valletta p.l.c., mahluf minn Romuald Attard (K.I. numru 644756 m), fejn gie premess:

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat 23 t' April, 2003 in atti Nutar Dottor Pierre Falzon (Dokument "A") is-socjeta` attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta Maltese Consortium Holdings Limited C 30169);

Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici tas-soceta` Maltese Consortium Holdings Limited fis-somma ta' mija u disat

elef, sitt mija u hamsa u hamsin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€109,655.23) bilanc ghad-debitu fil-*"Loan Account"* tas-socjeta` Maltese Consortium Holdings Limited mal-Bank of Valletta p.lc. (Dokumenti "B1" sa "B4") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-23 ta' Frar 2011 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Illi permezz ta' kuntratt datat 23 t' April 2003 in atti Nutar Dottor Pierre Falzon (Dokument "A") u ta' skrittura privata datata fis-16 ta' Jannar 2003 (Dokument "C"), il-konvenuta socjeta` Fithome Interiors Limited iggarantiet flimkien u *"in solidum"* mas-socjeta` Maltese Consortium Holdings Limited sal-valur ta' hamsa u ghoxrin elf, tmien mija u tnejn u tmenin Ewro (€25,882.00) ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta' l-istess Maltese Consortium Holdings Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

Illi l-bilanc dovut illum mis-socjeta` Fithome Interiors Limited jammonta ghal tmienja u tletin elf, mitejn u tmin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€38,208.43) flimkien mal-imghax ulterjuri mit-23 ta' Frar 2011 sal-jum tal-pagament effettiv (Dokumenti "D1" sa "D2").

Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura private fuq imsemmija (esebiti bhala Dokumenti "A" u "C") partikolarment imam mhux esklussivament, billi s-socjeta` Maltese Consortium Holdings Limited u s-socjeta` Fithome Interiors Limited:

a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulate fl-imsemmi kuntratt u skrittura,
b) kienu inadempjenti f' obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura soraindikati, u/jew,
c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Maltese Consortium Holdings Limited u s-socjeta` Fithome Interiors Limited li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Illi s-socjeta` konvenuta Fithome Interiors Limited giet interpellata permezz ta’ ittra ufficcjali datata 15 ta’ Ottubru 2009 li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok “E”, sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda din baqghat inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghalhekk il-bank attur qed jitlob li wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, t-talba tigi akkolta u cioe` li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tmienja u tletin, elf, mitejn u tmin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€38, 208.43) parti mill-bilanc ghad-debitu fil-*“Loan Account”* tas-socjeta` Maltese Consortium Holdings Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mit-23 ta’ Frar, 2011 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Semghet l-ammissjoni ta’ Alfred Vella ghan-nom tas-socjeta` konvenuta.

Tilqa` t-talbiet tas-socjeta` attrici kif dedotti bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------